**QORTI KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.d.**

**Ammissjoni skond l-Artikolu 392B**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

vs

**JEREMIE CAMILLERI**

**Illum, 5 ta' Marzu,2024**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-akkużat **Jeremie Camilleri** detenur tal-karta tal-identita' Maltija **0481611L** akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

U, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, nakkużawh talli nhar it-tmintax (18) ta' Jannar tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023), għal ħabta tas-siegħa (01:00) ta' filgħodu, fi Triq Msida, Gżira u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

1. Dolożament bil-ħsieb li joqtol persuna, u ċioe lil PELIN KAYA, jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, ikkaġuna il-mewt tal-istess PELIN KAYA;

2. Talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u cioe offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' PELIN KAYA b'dana illi bl-istess offiża ġrat il-mewt tal-istess PELIN KAYA minħabba biss in-natura jew l-konsegwenzi naturali tal-offiża, u mhux għal xi kawża aċċidentali li nqalat wara;

3. Talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi mingħajr il-ħsieb li joqtol jew jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u cioe offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Fiona Brincat u/jew persuni oħra;

4. Talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi mingħajr il-ħsieb li joqtol jew iqiegħed il-ħajja ta' ħaddiehor f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u cioe offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' John Muscat u/jew persuni oħra;

5. Talli fl-istess data, lok, ħin, u ċirkostanzi volontarjament għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor mobbli jew immobbli u cioe' fuq l-propjetà għad-detriment tas-soċjeta Paul & Rocco (Gżira) Limited bin-numru ta' reġistrazzjoni C 2661 u/jew persuni oħra, għad-detriment tal-istabbiliment KFC u/jew Food Chain Limited bin- numru tar-reġistrazzjoni C 753 u/jew persuni oħra, għad-detriment ta' David Buhagiar sid il-vettura tal-għamla Toyota RAV4 bin-numru tar-reġistrazzjoni CCN 498 u/jew persuni oħra, għad-detriment ta' Darren Grech sid il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni CBW 129 u/jew persuni oħra u għad-detriment tal-Gvern ta' Malta minħabba ħsara fuq propjetà pubblika u/jew persuni oħra u persuna/i naturali u/jew ġuridici oħra liema ammont tal-ħsara ikun iżjed minn elfejn u ħames mitt ewro (€2500);

6. Talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi saq vettura tal-għamla BMW X6 bin-numru tar-reġistrazzjoni PSG 075 b'mod perikoluż, traskurat u bla kont;

7. Talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi saq jew kellu l-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra li tkun fit-triq jew f'post pubbliku ieħor meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minħabba xorb jew drogi;

8. Talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'hebb, kontra persuni inkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu qed jaġixxu għall-eżekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi mill-awtorità kompetenti b'dana illi id-delitt sar bi vjolenza pubblika;

9. Talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-awtorità jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma ħalliehx jew fixklu waqt li kien qed jagħmel id-dmirijiet tiegħu, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħal fi dmiru, billi ma ħalliex lil ħaddieħor jagħmel dak li b'liġi jkun ordnat jew jista' jagħmel jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li ħaddieħor kien għamel skond il-liġi.

10. Talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi hebb kontra persuni sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara lil dawn il-persuni jew lil ħaddieħor, kemm-il darba l-fatti ma jkunx jaqaw taħt xi dispożizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

11. Talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kellu fil-pussess tiegħu id-droga Kokajina, specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id- dispożizzjonijiet tar-Raba' (4) u tas-Sitt (6) Taqsima ta' l-Ordinanza msemmija, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xorťoħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kienx b'xi mod ieħor awtorizzat b'liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu id-droga msemmija fil-pussess tiegħu, u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilhu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regolamenti ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), u dan bi ksur ta' l-istess Regolamenti kif sussegwentement emendati, u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

12. Talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kellu fil-pussess tiegħu is-sustanza specifikata Diazepam meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni jew għall-pussess maħruġ mis-Superintendent tas-Saħħa Pubblika skond id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima B tat-Tielet Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu Maghha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xorťoħra awtorizzat li jimporta, jimmanifattura, jesporta, jixtri, ibiegħ, jużа, jew ikollu fil-pussess tiegħu is-sustanza speċifikata msemmija skond ir-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini (Avviż Legali 22 ta' l- 1985), u dik is-sustanza ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija;

13. Talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

14. Talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kiser Ordni ta' Probation mogħtija nhar l-erbgha (4) ta' Jannar elfejn tlieta u għoxrin (2023) mil-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

Il-Qorti hija mitluba sabiex, fil-każ ta' ħtija, barra milli tinfliġi l-piena skond il-Liġi, meta tagħti s- sentenza jew f'kull ordni oħra wara tikkundanna l-ħati għal skwalifika milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan;

Il-Qorti hija wkoll mitluba sabiex, fil-każ ta' ħtija, barra milli tinfliġi l-piena skond il-Liġi, meta tagħti s-sentenza jew f'kull ordni ieħor wara, tikkundanna l-ħati għall-ħlas, lir-reġistratur, tal-ispejjeż kollha jew ta' parti mill-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, f'dak iż-żmien u f'dak l-ammont bħal ma jkun ġie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni, u dan skond kif kontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat il-verbal tal-udjenza quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja tal-5 ta' Frar 2024 fejn hemm reġistrat illi l-akkużat, allura imputat, Jeremie Camilleri ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u dan fil-presenza tal-avukati difensuri tiegħu Dr. Alfred Abela u Dr Rene Darmanin u fil-presenza tal-interpretu nominat mill-Qorti Bader Zina;

Rat ukoll li fil-verbal ta' l-istess udjenza miżmuma quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja l-Ewwel Qorti wissiet lill-imputat bl-iktar mod solenni dar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu u tad-dikjarazzjoni ta' ħtija u spjegat lilu l-piena errogabbli fuq dikjarazzjoni tal-ħtija għad-delitt inter alia ta' omiċidju volontarju.

Rat dak li gie ukoll verbalizzat f'din l-istess seduta tal-5 ta' Frar 2024 u cioe lil-imputat fuq mistoqsija tal-Qorti ddikjara li huwa ingħata biżżejjed ħin sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tiegħu ta' ħtija u ddikjara li huwa qiegħed itenni fit-tweġiba li huwa ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu.

Rat l-ordni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja kif reġistrata fil-verbal tal-udjenza tal-5 ta' Frar 2024 li bih ai termini tal-artikolu 392B (1) tal-Kodiċi Kriminali, wara din l-ammissjoni ordnat li l-atti tal-kumpilazzjoni jintbagħtu lill-Avukat Generali u li r-Reġistratur ta' din il-Qorti jkun notifikat b'din l-ammissjoni;

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali ppreżentata fir-reġistru ta' din il-Qorti fit-8 ta' April 2024 li biha ddikjara li ai termini tal-artikolu 392B(2) tal-Kap IX tal-Liġijiet ta' Malta, l-imputazzjonijiet kif addebitati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja u li għalihom l-imputat rreġistra l-ammissjoni, **għandhom jitqiesu bħala Att ta' Akkuża għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi;**

Rat ir-rikors konġunt tal-Avukat Ġenerali Dr Victoria Buttigieg u tal-akkużat Jeremie Camilleri, u l-avukati difensuri tiegħu Dr Alfred Abela u Dr Rene Darmanin preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-12 ta' Frar 2024 fit-termini tal-artikolu 392B(5)(a) tal-Kodiċi Kriminali li bih iddikjaraw u talbu s-segwenti:

> Illi nhar is-sbatax (17) ta' Ġunju tas-sena elfejn u dsatax (2019), ir-rikorrent akkużat Jeremie Camilleri stqarr quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati li huwa kien ħati tar-reati li bihom ġie imputat. Rat illi l-Ewwel Qorti tatu żmien konsiderevoli sabiex jirrikunsidra l-posizzjoni tiegħu u dana wara li wissietu bil-konsegwenzi ta' tali ammissjoni. Sussegwentement fis-seduta tat-13 ta' Frar 2024 l-imputat reġgħa kkonferma l-ammissjoni tiegħu quddiem l-avukati difensuri tiegħu, l-interpretu nominat mill-Qorti u Dr Nathanian Falzon u Dr Kaylie Bonnett li qed jidhru għall-Avukat Ġenerali.
>
> ILLI filwaqt li jagħmlu referenza għal tali ammissjoni u għad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 392B(5)(a) tal-Kap. IX tal-Liġijiet ta' Malta, ir-rikorrenti konġuntivament jiddikjaraw li qegħdin jaqblu, u konsegwentement qegħdin jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha timponi fuq ir-rikorrent akkużat Jeremie Camilleri il-piena ta' priġunerija effettiva għal perjodu ta' sebgħa u tlettin sena (37) sena, flimkien ma' multa ta' elfejn euro Ewro (€2,000), u dan oltre kwlaunkwe sanzjoni spejjez u/jew konsegwenza oħra mandatorja konsegwenzjali għad-dikjarazzjoni u sejbien ta' ħtija ai termini tal-Kapitolu 9, 31,65 u 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Għalhekk, in vista tal-ammissjoni reġistrata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja fil-5 ta' Frar 2024, u sussegwentement konfermata quddiem din l-Onorabbli Qorit nhar it-13 ta' Frar 2024 , tiddikjara lil Jeremie Camilleri ħati tal-kapi kollha ta' akkuża miġjuba kontra tiegħu talli nhar it-tmintax (18) ta' Jannar tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023), għal ħabta tas-siegħa (01:00) ta' filgħodu, f'Triq Msida, Gzira u/jew fi bnadi ohra f'dawn il-Gżejjer:

1. Dolożament bil-ħsieb li joqtol persuna, u ċioe lil PELIN KAYA, jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, ikkaġuna il-mewt tal-istess PELIN KAYA;

2. Talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u cioe offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' PELIN KAYA b'dana illi bl-istess offiża ġrat il-mewt tal-istess PELIN KAYA minħabba biss in-natura jew l-konsegwenzi naturali tal-offiża, u mhux għal xi kawża aċċidentali li nqalat wara;

3. Talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi mingħajr il-ħsieb li joqtol jew jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u cioe offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Fiona Brincat u/jew persuni ohra;

4. Talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi mingħajr il-ħsieb li joqtol jew iqiegħed il-ħajja ta' ħaddiehor f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u cioe offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' John Muscat u/jew persuni oħra;

5. Talli fl-istess data, lok, ħin, u ċirkostanzi volontarjament għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor mobbli jew immobbli u cioe' fuq l-propjetà għad-detriment tas-soċjeta Paul & Rocco (Gżira) Limited bin-numru ta' reġistrazzjoni C 2661 u/jew persuni oħra, għad-detriment tal-istabbiliment KFC u/jew Food Chain Limited bin- numru tar-reġistrazzjoni C 753 u/jew persuni oħra, għad-detriment ta' David Buhagiar sid il-vettura tal-għamla Toyota RAV4 bin-numru tar-reġistrazzjoni CCN 498 u/jew persuni oħra, għad-detriment ta' Darren Grech sid il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni CBW 129 u/jew persuni oħra u għad-detriment tal-Gvern ta' Malta minħabba ħsara fuq propjetà pubblika u/jew persuni oħra u persuna/i naturali u/jew ġuridici oħra liema ammont tal-ħsara ikun iżjed minn elfejn u ħames mitt ewro (€2500);

6. Talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi saq vettura tal-għamla BMW X6 bin-numru tar-reġistrazzjoni PSG 075 b'mod perikoluż, traskurat u bla kont;

7. Talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi saq jew kellu l-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra li tkun fit-triq jew f'post pubbliku ieħor meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minħabba xorb jew drogi;

8. Talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'hebb, kontra persuni inkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu qed jaġixxu għall-eżekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni

mogħti skond il-liġi mill-awtorità kompetenti b'dana illi id-delitt sar bi vjolenza pubblika;

9. Talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-awtorità jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma ħalliehx jew fixklu waqt li kien qed jagħmel id-dmirijiet tiegħu, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħal fi dmiru, billi ma ħalliex lil ħaddieħor jagħmel dak li b'liġi jkun ordnat jew jista' jagħmel jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li ħaddieħor kien għamel skond il-liġi.

10. Talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi hebb kontra persuni sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara lil dawn il-persuni jew lil ħaddieħor, kemm-il darba l-fatti ma jkunx jaqaw taħt xi dispożizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

11. Talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kellu fil-pussess tiegħu id-droga Kokajina, specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id- dispożizzjonijiet tar-Raba' (4) u tas-Sitt (6) Taqsima ta' l-Ordinanza msemmija, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kienx b'xi mod ieħor awtorizzat b'liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu id-droga msemmija fil-pussess tiegħu, u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilhu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regolamenti ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), u dan bi ksur ta' l-istess Regolamenti kif sussegwentement emendati, u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

12. Talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kellu fil-pussess tiegħu is-sustanza specifikata Diazepam meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni jew għall-pussess maħruġ mis-Superintendent tas-Saħħa Pubblika skond id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima B tat-Tielet Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu Maghha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimporta, jimmanifattura, jesporta, jixtri, ibiegħ, juża, jew ikollu fil-pussess tiegħu is-sustanza speċifikata msemmija skond ir-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini (Avviż Legali 22 ta' l- 1985), u dik is-sustanza ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija;

13. Talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

14. Talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kiser Ordni ta' Probation mogħtija nhar l-erbgha (4) ta' Jannar elfejn tlieta u għoxrin (2023) mil-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

Ħadet in konsiderazzjoni l-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna dwar il-piena f'ċirkostanzi fejn tkun reġistrata ammissjoni, fosthom **Ir-Repubblika ta' Malta kontra Nicholas Azzopardi** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-24 ta' Frar, 1997, **Il-Pulizija kontra Emanuel Testa** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Lulju 2002, **Ir-Repubblika ta' Malta kontra Mario Camilleri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Lulju 2002 fejn kienu diskussi regoli ġenerali li għandhom iservu ta' gwida lill-Qorti fil-kominazzjoni tal-piena f'każ ta' ammissjoni bikrija fejn, fis-sentenza appena ċitata ta' Emanuel Testa saret referenza għal dak ċitat fis-sentenza kontra Nicholas Azzopardi senjatament meta l-Qorti kkwotat b'mod estensiv Il-**Blackstone's Criminal Practice**[1] għaliex ddikjarat li taqbel mal-prinċipji hemm enunċjati u tagħmel dawk il-prinċipji bħala tagħha:

> *"Although this principle [that the length of a prison sentence is normally reduced in the light of a plea of guilty] is very well established, the extent of the appropriate "discount" has never been fixed. In Buffery [1992] 14 Cr. App. R (S) 511) Lord Taylor CJ indicated that "something in the order of one third would very often be an appropriate discount", **but much depends on the facts of the case and the timeliness of the plea**[2]. In determining the extent of the discount the court may have regard to the strength of the case against the offender. An offender who voluntarily surrenders himself to the police and admits a crime which could not otherwise be proved may be entitled to more than the usual discount. (Hoult (1990) 12 Cr. App. R. (S) 180; Claydon*

[1] Blackstone Press Limited – 2001 edit
[2] Enfasi ta dinl-Onorabbli qorti

*(1993) 15 Cr. App. R (S) 526) and so may an offender who, as well as pleading guilty himself, has given evidence against a co-accused (Wood [1997] 1 Cr. App. R. (S) 347) and/or given significant help to the authorities (Guy [1992] 2 Cr. App. R. (S) 24).*

*Where an offender has been caught red handed and a guilty plea is inevitable, any discount my be reduced or lost (Morris [1998] 10 Cr. App. R. (S) 216; Landy [1995] 16 Cr. App. R. (S) 908). Occasionally the discount may be refused or reduced for other reasons, such as where the accused has delayed his plea in an attempt to secure a tactical advantage (Hollington [1985] 85 Cr. App. R. 281; Okee [1998] 2 Cr. App. R. (S) 199.) Similarly, some or all of the discount may be lost where the offender pleads guilty by adducing a version of the facts at odds with that put forward by the prosecution, requiring the court to conduct an inquiry into the facts (Williams [1990] 12 Cr. App. R. (S) 415.) The leading case in this area is Costen [1989] 11 Cr. App. R. (S) 182, where the Court of Appeal confirmed that the discount may be lost in any of the following circumstances: (i) where the protection of the public made it necessary that a long sentence, possibly the maximum sentence, be passed, (ii) cases of 'tactical plea', where the offender delayed his plea until the final moment in a case where he could not hope to put up much of a defence, and (iii) where the offender has been caught red-handed and a plea of guilty was practically certain...."*

Fil-każ odjern, l-akkużat rreġistra ammissjoni fil-mori tal-kumpilazzjoni qabel ma l-atti kienu rinvjati lill-Avukat Ġenerali u għalhekk qabel ma kienet formulata Att ta' Akkuża pero sena wara li ġie imressaq il-Qorti.

Rat dak li ġie verbalizzat fl-atti u cioe fis-seduta tat-13 ta' Frar 2024 li din il-Qorti ma kienitx marbuta ma' dak li ġie patteġġjat mill-akkużat u l-Avukat Ġenerali.

Pero` l-kunċett ta' patteġġjament ġie trattat minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v. Mario Spagnol</u>** deċiż fis-6 ta' Jannar 2005

(u ċitat b'approvazzjoni minn din il-Qorti kif presjeduta **<u>f'Il-Pulizija v. Anthony Zammit</u>** deċiż fit-12 ta' Jannar 2005) u dak li ntqal f'dik il-kawża sejjer jiġi ċitat in extenso:

> *"Illi dan il-kuncett ta' patteggjament dwar il-piena, sia pure seta' kien fil-prattika dejjem adoperat b'mod informali kemm fil-Qrati tal-Magistrati bhala Qrati ta' Gudikatura Kriminali, kif ukoll quddiem il-Qorti Kriminali, iddahhal ghall-ewwel darba b'forma istituzzjonalizzata fil-ligi penali taghna bl-artikolu gdid 453A introdott bl-Att III tas-sena 2002 u emendat bl-Att XIII tas-sena 2002. Dan l-artikolu jifforma parti mit-Taqsima I tat-Tieni Ktieb, Titolu IV: "Fuq il-Qorti Kriminali". Bhala rizultat ta' dan l-artikolu gdid b'effett minn Ottubru 2003, sar possibbli li, qabel ma l-akkuzat iwiegeb ghall-mistoqsija jekk hux hati jew mhux hati quddiem il-Qorti Kriminali, l-akkuzat u l-Avukat Generali jitolbu lil dik il-Qorti li, fil-kaz ta' ammissjoni, tapplika sanzjoni jew mizura jew kombinazzjoni ta' sanzjonijiet jew mizuri tax-xorta u l-kwantita` miftehma bejniethom. Jekk il-Qorti Kriminali tkun soddisfatta li s-sanzjoni jew mizura jew sanzjonijiet jew mizuri mitluba jkunu tali li jkun legittimu illi hija timponi mas-sejbien ta' htija ghar-reat jew reati li dwaru jew dwarhom l-akkuzat ikun ammetta l-htija u ma jkollhiex ghaliex tordna li jsir ilguri tal-kaz jew ghal xi raguni ohra tichad it-talba, wara li tispjega lill-akkuzat bi kliem car x'ikunu l-konsegwenzi tat-talba tieghu, il-Qorti Kriminali, meta ssir l-ammissjoni ta' htija ta' l-akkuzat, tghaddi biex taghti s-sentenza lilha ndikata mill-partijiet. Imbaghad tiddikjara fid-decizjoni taghha li s-sentenza li tkun qieghda tinghata tkun qieghda hekk tigi moghtija fuq talba tal-partijiet.*
>
> *Fil-prattika kemm ilha li dahlet in vigore din id-disposizzjoni gdida, il-Qorti riminali qed tirrikjedi li t-talba ssir bil-miktub permezz ta' rikors jew nota kemm jista' jkun minn qabel u possibilment qabel id-dataappuntata ghas-smiegh tal-kawza u li kull diskussjoni dwar it-talba ssir 'in open court' biex titnehha kull ombra ta' suspett li l-affarijiet*

*mhux qed isiru fid-deher u kif suppost u biex jigi eliminat kull suspett t'abbuz possibbli li wiehed facilment jista' jimmagina li jista' jigi eskogitat mill-partijiet involuti, jew xi hadd minnhom. Hu mahsub li fejn il-Qorti Kriminali ma tkunx taqbel mas-sanzjoni jew mizura miftehma, li ukoll 'in open court' tiddikjara li, f'dak l-istadju, il-Qorti ma tistax taderixxi ghat-talba.*

*l-artikolu 392A(5) gdid imbaghad jestendi l-applikazzjoni tal-artikolu 453A fuq imsemmi ghall-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja qabel ma l-akkuzat iwiegeb ghall-mistoqsija hux hati jew mhux hati, pero` f'dan il-kaz irid jidher l-Avukat Generali quddiem dik il-Qorti u n-nota li ssir mill-Avukat Generali u mill-imputat flimkien u li jkun fiha l-ftehim milhuq kif provdut fl-artikolu 453A tkun bizzejjed ghal dan il-ghan.*

*( vide il-pulizija vs Jurgen Debattista deciz nhar 19 ta Gunju 2007)*

Illi kif imfisser fl-artikolu tal-liġi stess din il-Qorti ma hiex marbuta mal-patteġjament iffirmat bejn il-partijiet jekk hija mhiex tal-fehma li l-piena hemm imsemmija hija waħda ġusta u li għandha tingħata fil-każ in desamina. Kif imfisser fis-sentenza fl-ismijiet **Republika ta' Malta vs. Mario Camilleri**, deċiża mill-Qorti al-Appelli Kriminali nhar il-5 ta' Lulju 2002: -

*"Kull kaz, specjalment fil-kamp kriminali, ghandu l-fattispecie partikolari tieghu, li jkun ferm differenti minn kull kaz iehor; u ghalhekk, jaghmel ukoll sens, anke mill-aspett tar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja, u sabiex figi salvagwardat li ssir gustizzja xierqa w kullhadd fiehu dak li haqqu, li tibqa' dejjem fid-diskrezzjoni tal-Qorti l-kwistjoni ta' l-ammont talpiena li ghanda tinghata jkull kaz, dejjem in bazi taccirkostanzi partikolari ta' dak il-kaz quddiemha, u dan minkejja li jista jkun hemm qbil bejn il-*

*prosekuzzjoni w d-diftza dwar l-ammont ta' piena li ftl fehma taghhom hiJa adegwata"*

Illi kif ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **__il-Pulizja vs Jean Claude Cassar__** deċiża fis-17 ta' Jannar 2013 deċiż mill-Qorti tal-Appelli Kriminali ingħad li: -

> *Illi l-iskop wara l-patteggjament huwa wiehed uniku li ma jkunx hemm sorprizi ghax b'dan il-mod tigi stultifikata ghal kollox din il-prattika.*
>
> *…. Illi l-element ta' sorpriza zgur mhux konducenti ghall-ahjar forma ta' gustizzja peress li pregudikat mhux biss lillimputat imma sfortunatament anke lill-istess difensur li jkun igwida lill-klijent tieghu fuq dak li normalment jigri.*

Jingħad f'dan il-każ pero li mhux ser ikun hemm sorpiżi għaliex kif jirriżulta mill-verbal tas-seduta tat-13 ta' Frar 2024 din il-Qorti għarfet *'in open court'* lill-partijiet li hija ma kienitx marbuta bil-ftehim milqugħ bejn il-partijiet u dan kien indizju ċar li din il-Qorti kienet ser tiddipartixxi minn dak miftiehem bejn il-partijiet.

Rat l-atti kollha tal-kawża u qieset is-segwenti meta ġiet biex tapplika l-piena idoneja.

Rat il-fedina penali tal-akkużat kif esebita fl-atti a fol. 18 et seq u minn eżami ta' l-istess jirriżulta li għandu ġja *convictions* oħra reġistrati fuqha fejn ingħata piena ta' sentenza sospiża, Probation Order, Protection Order u Treatment Order u cioe nonnostante ma tgħallem xejn u reġa deher quddiem din l-Onorabbli Qorti akkużat b'dawn ir-reati tant serji.

Jirriżulta ukoll li kien diġa instab ħati ta' reati kommessi fil-konfront ta' nisa oħra. Din il-Qorti, pero`, tara li apparti l-anteċedenti penali tar-rikorrent – li juru karattru altament refrattarju u vjolenti – kull forma ta' vjolenza fuq il-persuna għandha, bħala regola, iġġib magħha piena restrittiva tal-liberta` tal-persuna b'effett immedjat. **Soċjeta` ċivili ma tistax tittollera l-prepotenza ta' min, għax taqbiżlu ċ-ċinga, jew għax jidhirlu li għandu lment kontra ħaddieħor (anke jekk dak l-ilment ikun fil-fatt ġustifikat) jaħbat ihebb jew isawwat lil dak il-ħaddiehor**. F'dan il-każ jirriżulta

biċ-ċar mhux biss li l-akkużat saq għal fuq il-vittma u kkawża il-mewt tagħha iżda kif jirriżulta mic-CCTV esebit li wara qabad il-ġebel u b'rabja liema bħala, beda jitfagħhom fid-direzzjoni tagħha waqt li l-vittma Kaya Pelin kienet ma l-art. Dan hu komportament li mhux aċċettabli f'soċjeta demokratika u għalhekk għandu jħallas il-qares ta' komportament kon simili.

Rat illi r-reati li bihom ġie akkużat l-akkużat huma serji ħafna u ġew kkawżati minnu waqt li kien taħt l-influwenza ta' droga u dan ukoll jindika in-*non chalence* tal-akkużat li jaqbad isuq vettura meta kien f'dik is-sura. Dan ukoll m'huwiex aċċettabli u żgur li mhux ser jsib widen f'soċjeta ċivilizzata.

Rat illi kif jirriżulta mill-atti li l-akkużat saq dritt għal-KFC fuq il-bankina u laqgħat lil Kaya Pelin u wara ħareġ mil-vettura tiegħu u minflok ma skuża ruħu għall-akkadut qabad jaggredixxi lin-nies tal-madwar fosthom John Muscat u Fiona Brincat li ukoll sfaw vittmi tal-akkużat bid-daqqiet li qalgħu mingħandu kif jirriżulta miċ-ċertifikati mediċi esebiti fl-atti.

Rat li fuq il-post l-akkużat ittenta jiġġieled mal-pulizija li kienu hemm fuq il-post sabiex iżommu l-ordni u beda jistieden lill-istess pulizija għal ġlied u jinsulenthom u jgħid quddiem in-nies 'watch *me fight with the police'*.

Rat li l-akkużat ma mexiex mal-ordni mogħtija lilu mill-pulizija tant li anke kien aggressiv magħhom tant li sabiex waqfuh kellhom jużaw it-*taser gun* fuqu.

Rat l-ispeed eċċessiv li bih kien qed isuq l-akkużat u li minħabba f'hekk u minħabba id-drogi li kien ha ma kienx f'pożizzjoni li jikkontrolla l-karrozza u b'hekk ikkreja l-istraġi li rriżulta. Dan l-aġir tiegħu għandu jiġi kkundannat bl-iktar mod sever u m'għandu qatt jiġi aċċettt f'soċjeta ċivilizzata.

Rat illi Kaya Pelin spiċċat ġiet maqtula intortament waqt li kienet miexja għall-affari tagħha fuq il-bankina u ta' dan jaħti biss l-akkużat, filwaqt li Fiona Brincat u John Muscat ġew feriti volontarjament mill-akkużat minħabba l-atteġjament barbaru tiegħu. Din il-Qorti ma tħossx li għandha tkun klementi mal-akkużat li aġixxa b'dan il-mod krudili.

Rat ukoll li l-akkużat irreġistra ammissjoni li huwa kkommetta reati waqt l-operat ta' Ordni ta' Probation. Għalhekk minflok ma żamm il-bogħod mill-ħajja ta' kriminalita u tgħallem mill-opportunita mogħtija lilu permezz tal-Ordni tal-Probabtion, ħareġ barra fis-siegħat bikrin ta' filgħodu u kkommetta numru ta' reati kif ammessi minnu stress.

Huwa minnu li l-akkużat irreġistra ammissjoni qabel ma ħarġet l-Att tal-Akkuża u minħabba f'hekk din il-Qorti ma hiex ser tikkundanna lill-akkużat għomru il-ħabs pero minn naħa l-oħra ma tistax ma tatix piż lil dak kollu li ġie rilevat aktar il-fuq u għalhekk din il-Qorti hi tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ m'għandhiex taderixxi mat-talba magħmula mill-Avukat Ġenerali u l-akkużat, Jeremie Camilleri fir-rikors konġunt tagħhom tat-8 ta' Frar 2024 fir-rigward tal-piena proposta. Iżda hija tal-fehma li tali piena għandha tiġi awmentata sabiex issir ġustizzja ukoll mal-vittmi ta' dan il-każ u l-familjari tagħhom.

Rat l-artikoli 17, 31, 95, 96, 211(1) u (2), 214, 216, 218, 221, 325, 338 (dd), 339 (1) (e), 383 (1), 533 tal-Kapitolu 9 u l-artikoli 15(1) (a) (b), 15 A (1) (2) u B tal-Kapitolu 65 u l-Artikoli 4, 6, 22(1)(a), 22(2)(b)(i)) tal-Kap. 101 u l-Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(ii) tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Tikkundanna lill Jeremie Camilleri għall-piena ta' erbgħin (40) sena priġunerija u għall-multa ta' ħamest elef euro (€5,000).**

Tikkundanna wkoll lill-istess Jeremie Camilleri jħallas is-segwenti spejjeż tal-perizji inkorsi f'dan il-proċess u dan ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 liema ammont ikun konvertit minnufih fi priġunerija skond il-liġi f'każ illi l-ħati jonqos milli jħallas l-istess fi żmien sena mill-lum;

1. Is-somma ta' €1416.70 imħallsa lil Perit Robert Musumeci[3] nominat fl-atti tal-inkjesta mill-Maġistrat Dr Nadine Lia.
2. €27.56 imħallsa lil Dr Katya Vassallo[4] nominata mill-Qorti sabiex tagħmel kopja dattilografata tal-istqarrija tal-akkużat.

[3] Fol. 185 tal-atti
[4] Fol. 213 ta l-atti

3. €87.10 imħallsa lil PC 1007 Jean Paul Pizzuto[5] Magrin nominat fl-atti tal-inkjesta.
4. €1076.87 imħallsa lil PS 2293 Michelle Camilleri[6] u l-uffiċjal ċivili Rebeka Bartolo nominati fl-atti tal-inkjesta bħala esperti tal-fotografija.
5. €380.57 imħallsa lil-espert Dr Godwin Sammut[7] nominat fl-atti tal-inkjesta bħala espert fl-analizzar tad-drogi.
6. €6,945.48 imħallsa lil Dr Marisa Cassar[8] nominata fl-atti tal-inkjesta bħala esperta tad-DNA.
7. €680 imħallsa lil Dr Nigel Camilleri[9] psikjatra li ġie nominat biex jesamina lill-akkużat fl-atti tal-inkjesta.
8. €3038.67 imħallsa lil Dr Edward Cherubino[10] nominat fl-atti tal-inkjesta bħala espert fil-mediċina forensiku.
9. €6,850.75 imħallsa lil Dr Martin Bajjada nominat fl-atti tal-inkjesta bħala sabiex jippreżenta audio visual presentation.
10. €5.28 imħallsa li Dr Katya Vassallo nominata mill-Qorti sabiex tagħmel traduzzjoni ta' Dok DA1.
11. €147.50 imħallsa lil Dr Martin Bajjada nominat fl-atti tal-inkjesta biex joħroġ xi stills mill-filmati.

B'kollox għalhekk din il-Qorti qed tikkundanna lill-akkużat iħallas lill-Gvern ta' Malta fi żmien sena mill illum is-somma ta' €20,656.48 rappresentanti l-ispejjez in korsi f'dan il-proċess u dan ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta u fin-nuqqas li jsir tali ħlas l-ammont dovut jiġi konvertit fi priġunerija skond il-liġi.

Il-Qorti ma hix ser tordna lill-akkużat iħallas l-ispejjeż inkorsi fin-nomina tal-patoloġisti Dr David Pisani u Dr Ali Safraz[11] peress illi mill-atti ma jirriżultax kemm in effetti tħallsu tal-inkarigu tagħhom. Lanqas ma hi ser tordna lill-akkużat iħallas l-

[5] Fol. 282 tal-atti
[6] Fol438 tal-atti Vol II
[7] Fol. 646 tal-atti Vol II
[8] Fol. 652 tal-atti Vol II
[9] Fol. 704 tal-atti Vol II
[10] Fol. 847 tal-atti Vol II
[11] Fol. 437 tal-atti Vol II

ispejjeż inkorsi għan-nomina ta'l-espert tat-traffiku Dr. Mario Buttigieg[12] stante li mill-atti ma jirriżultax kemm in effetti tħallas tal-inkarigu tiegħu.

Il-Qorti tordna ai termini tal-artikolu 31 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jiġi sospiż għal dejjem mill-liċenzji tiegħu tas-sewqan u tordna għalhekk notifika lid-Direttur ta' Transport Malta sabiex jieħu ħsieb jiġbor il-liċenzja tal-akkużat.

Tordna li tinħareg garanzija fil-konfront tal-vittmi Fiona Brincat, John Muscat ai termini tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta għall-perijodu ta' sena mil-llum taħt penali ta' elfejn euro (€2,000) fin-nuqqas.

Tordna ukoll il-konfiska tal-vettura BMW X6 numru ta' reġistrazzjoni PSG 075 a favur tal-Gvern ta' Malta ai termini tal-artikolu 23 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta stante li hija l-corpus delicti tar-reat.

**Dr Consuelo Scerri Herrera**

**Onor. Imħallef**

[12] Fol. 976 tal-atti Vol. II